MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Avviz Numru. 232/2013

**Selective Quality Letting Limited (C28601)**

**vs**

**Oswald Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' Awwissu 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-

somma ta’ tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) jew somma verjuri ohra li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, li f’kull kaz ma teccedix il-kompetenza ta’ dina l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti kumpens ghal servigi rezi mill-kumpanija attrici lill-konvenut fuq talba tal-konvenut stess in konnessjoni mat-tiftix u sejbien ta’ inkwilin ghall-fond bin-numru 37, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan, proprjeta’ tal-konvenut u servizzi ohra relatati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxxijiet legali mid-data tal-prezenti sal-jum tal-hlas effettiv, u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Oswald Agius li giet prezentata fl-20 ta’ Settembru 2013 fejn eccepixxa:

1. *“Preliminarjament, in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici;*
2. *Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni, u dan stante li ma saret ebda interpellazzjoni mis-socjeta’ attrici li setghet qatt tigi kkunsidrata fit-tajjeb jew fil-hazin, li certament ghandu jigi kkunsidrat de minimis ghall-fini tal-kap ta’ l-ispejjez;*
3. *Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante li s-socjeta’ attrici ma rendiet ebda servizz lill-eccepjenti li ghandha tithallas taghha;*
4. *Illi di piu’, in kwantu ghas-servigi allegati, li bilfors, anke minn isem is-socjeta’ attrici u n-natura tat-talba kif redatta, ghandhom jinftiehmu bhala domanda ghal xi senserija, ma jissussistux l-elementi necessarji biex tiggustifika tali talba;*

5. *Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, anke kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talba attrici, l-istess socjeta' attrici trid tispjega u tiggustifika kif waslet ghall-ammont pretiz minnha.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Oswald Agius** xehed fit-23 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa sid il-font 37, Triq Borg Olivier, San Giljan. Huwa ddikjara li ma kellu l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici Selective Quality Letting Limited, u ghalhekk huwa qatt ma qabbad lil din is-socjeta' biex taghtih xi servizzi. Huwa sostna li fost diversi nies ohra sabiex jikri dan il-font kien kellem lil Joe Sullivan. Joe Sullivan iltaqa' mieghu fil-kapacita' tieghu f'isem il-Fine & Country minn fejn huwa kien jikri. Il-konvenut esebixxa dokument li gie mmarkat bhala dokument CSH liema dokument qed jikkonferma dak li ghadu kif qal u cioe' li huwa r-relazzjoni tieghu kienet fil-fatt ma' Joe Sullivan li kien qieghed jezercita f'isem Fine & Country, Malta. Ghalhekk din il-persuna fil-fatt kellha relazzjoni mieghu dwar dan in-negozju fuq il-font 37, Triq Borg Olivier, San Giljan. Il-konvenut iddikjara li l-ewwel darba li sema' bis-socjeta' attrici kien propju meta rcieva r-rikors promotur u cioe' li kellu jigi l-Qorti u jhallas is-somma ta' tlett elef u sitt mitt ewro. Apparti ghal din l-ittra li ghadu kif esebixxa, Dok CSH, tenna li huwa ma rcieva l-ebda komunika ohra minghand dan Joseph Sullivan.

Il-konvenut ikkonferma li kien dar il-Fine & Country Malta kif effettivament kien dar Estate Agents ohra, u kien hemmhekk li huwa sar jaf lil dan Joseph Sullivan; ma jidhirlux li dan effettivament kien ta l-business card tieghu lill-konvenut. Il-konvenut iddikjara li dan in-negozju sar zmien ilu. Mistoqsi jekk twahlitx xi tabella mal-post tieghu li tghid li l-post kien ghal kiri, wiegeb li le effettivament

ma kienx hemm. Mistoqsi jekk effettivament il-Fine & Country ghamlux xi reklamar ghan-nom tax-xhud rigwardanti dan il-font qal li ma ghandux idea, lilu ma gharrfuhx. Mistoqsi jekk kellux xi relazzjoni ohra mas-Sur Sullivan, wiegeb li le ma kellux, pero' kien jaf min hu, mill-akkwati. Mistoqsi jekk jeskludix li effettivament Joseph Sullivan jopera taht l-isem Selective Quality Letting Limited, qal li ma jaf xejn dwar dan. Huwa sostna li din hija l-unika darba li effettivament Joseph Sullivan kien ha lil xi hadd biex jikri l-post tieghu. Effettivament jaf li din il-persuna barranija li kienet interessata fil-font tieghu kienet giet akkumpanjata minn Dr Georg Sapiano. Mistoqsi jekk iffirmax xi ftehim mas-Sur Sullivan dwar din il-kirja, wiegeb li jekk mhux sejjer zball, kien hemm biss ftehim verbali.

**Oswald Agius** xehed in kontro-ezami nhar l-14 ta' Novembru 2013 fejn meta gie mistoqsi jekk huwa rceviex xi ftehim ta' kera fejn kien hemm indikat isem is-socjeta' attrici, wiegeb li ma jafx bih. Gie suggerit lilu li huwa seta' rcieva email rigwardanti klijenta li kienet ta' Dr Georg Sapiano. Huwa sostna li dwar dan onestament huwa ma jaf xejn. Il-konvenut iddikjara li huwa ma rax l-isem fl-ufficcju tas-socjeta' attrici gewwa Triq Borg Olivier. Ghalhekk ghal darb'ohra huwa kkonferma li qatt ma kien sema' bl-isem tas-socjeta' attrici.

**Joseph Sullivan** xehed ghan-nom tas-socjeta' attrici fl-14 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici u din toffri Real Estate Letting Services fl-ufficcju 92, Triq Borg Olivier, San Giljan u ilhom jaghmlu hekk mis-sena 2001. Huwa spjega li l-holder tal-franchise huwa SQL cioe' Selective Quality Letting Limited waqt li l-*franchise* huwa Fine and Country. Huwa ilu jaf lill-konvenut ftit snin u dan tramite l-proprjetajiet li huwa ghandu ghall-kiri ghaliex huma registrati maghhom. Huma kellhom klijenta ta' Dr Georg

Sapiano li xtaqet tikri post kummercjali sabiex jaghmlu *art gallery* u qal li s-Sur Agius, il-konvenut, kellu propjeta' vicin taghhom San Giljan u avvicinawh u staqsewh jekk kienx interessat li jikri dan il-post. Fil-fatt marru fuq il-post flimkien ma' Dr Georg Sapiano u dehru li huma kienu nteressati u hadu sehem fin-negozjati. Naturalment bejniethom kien hemm ukoll skambju ta' korrespondenza sabiex jinnegozjaw it-*terms and conditions* u l-prezz u fl-ahhar mill-ahhar baghtu draft tal-kuntratt.

Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan id-draft li huma kienu baghtu lill-konvenut permezz ta' email, anzi effettivament kien hemm tnejn. L-ewwel draft li kienu baghtu li kien vojt kienu baghtuha kemm lil Dr Sapiano kif ukoll lill-konvenut u dan sabiex jarawh u jezaminawh u dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Sussegwentament baghtu draft iehor, fejn imlew certi dettalji anke tal-klijent u dan it-tieni draft gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z1. Huwa spjega li fuq il-parti ta' fuq tad-draft hemm il-logo tal-kumpanija, SQL. Ix-xhud esebixxa wkoll il-covering email li kienu baghtu li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument Z2.

Mistoqsi jekk is-Sur Agius kienx ircieva din l-email qal li iva effettivament kienu ltaqghu u kienu tkellmu dwaru. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament il-konvenut kienx baghtlu xi email bhala risposta wiegeb li iva ghandhom. Huwa prometta li jesebiha fis-seduta sussegwenti. Filfatt huma kienu ltaqghu anke fuq id-dghajsa ta' Dr Sapiano ghax kien hemm xi malintis dwar il-ftehim u filfatt Dr Sapiano kien qallu li l-klijent kien lest li jaccetta hmistax-il mija fix-xahar minflok hmistax-il elf fis-sena u sussegwentament ftehmu biex ihallsu l-kera u jigi ffirmat il-ftehim. Ftit qabel ma effettivament saret il-kirja relattiva s-Sur Agius kien

infurmah li kien kera l-post lil haddiehor. Huwa esebixxa wkoll il-business card tieghu li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z3.

Ix-xhud tenna li kull ma jaghmlu huma rigwardanti kirjiet jaqa’ taht is-socjeta’ SQL. Huwa gie muri dokument CSH a fol 11 tal-process. Mistoqsi ghaliex fil-fatt l-ittra giet mahruga f’isem Fine and Country u mhux SQL wiegeb li forsi kien nuqqas tieghu li nforma lill-avukat. Huwa ma tax importanza lis-socjeta’ SQL meta huwa tkellem mal-avukat. Spjega li Fine and Country mhix kumpanija izda hija biss franchise.

**Joseph Sullivan** riprodott xehed nhar is-26 ta’ Frar 2014 u esebixxa kopja tal-emails li gew skambjati bejn il-partijiet liema e-mails gew immarkati komplessivament bhala dokument CSH. Esebixxa wkoll il-*commercial letter of agreement*. In kontro-ezami gie muri ritratt esebit f’dawn l-atti u mmarkat bhala dokument Z u qal li effettivament dan huwa l-faccata tal-hanut minn fejn jopera hu. Pero’ jispjega illi effettivament fuq in-naha l-ohra tal-ufficcju hemm sinjal iehor, fejn hemm miktub SQL Real Estate. Fil-fatt anke fuq il-bieb tal-hgieg hemm miktub SQL Real Estate u hemm il-logo taghhom.

Semghet lill-partijiet jitrattaw quddiemha l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut u dan fis-seduta tat-2 ta’ April 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha proprju limitatament fuq dawn l-eccezzjonijiet.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok l-avukat difensur tas-socjeta' attrici tratta l-eccezzjoni dwar l-intempestivita' tal-azzjoni u stqarr li tali ecezzjoni m'ghandhiex tigi milqugha u dan ghaliex l-ammont ghadu dovut sa llum u in oltre ghadu qed jigi kkontestat u ghalhekk mhux il-kaz li l-azzjoni hija intempestiva. L-avukat difensur tal-konvenut dwar din l-eccezzjoni baqa' sieket.

Bl-eccezzjoni tieghu il-konvenut donnu ried jghid li l-intempestività hija l-ghemil illi minflok ma s-socjeta' attrici imminimizzat il-kwistjoni qabdet u avvanzat b'mod formali l-pretensjonijiet taghha sabiex hija tkun tista' tikkjama l-pretensjoni taghha. Illi ghalhekk is-socjeta' attrici qabdet u resqet talba gudizzjarja.

Issa mill-atti processwali jirrizulta li effettivament l-avukat Dr Georg Sapiano ghan-nom tal-klijent tieghu Joseph Sullivan taht l-isem 'Fine & Country Malta' kien effettivament baghat ittra lill-konvenut nhar is-27 ta' April 2013 fejn kien talbu sabiex jottempora ruhu u jhallas dak dovut minnu lill-klijent tieghu rapprezentanti servizz li bih huwa kera l-fond proprjeta' tieghu f'Borg Olivier Street, San Giljan. Illi ci'o nonostante pero' fl-atti ma jidhirx li l-konvenut kien ipprezenta xi risposta ghal din l-ittra jew ikkontesta l-kontenut taghha u kien ghalhekk li effettivament il-konvenut spicca mharrek il-Qorti.

Illi l-konvenut jghid fix-xhieda tieghu li huwa qatt ma gie nterpellat sabiex ihallas is-socjeta' attrici u kien ghalhekk li tali talba hija intempestiva u in oltre jghid ukoll li sar jaf bit-talba tas-socjeta' attrici appuntu malli gie notifikat bir-rikors promotur. Anke jekk dan huwa l-kaz u cioe' li l-konvenut ma kienx jaf li huwa debitur f'ammont ta' flus rapprezentanti servizz li nghata sabiex kera l-fond tieghu, din il-Qorti xorta thoss li tali eccezzjoni hija ghal kollox inammissibbli

ghaliex kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet '**Atlas Insurance Agency Limited vs Sea Malta Company Limited et'**, Citaz. Nru. 1263/00 deciza fid-29 ta' Ottubru 2002, eccezzjoni ta' intempestività minhabba nuqqas ta' sejha ghall-hlas qabel ma tinfetah il-kawza ma hijiex ammissibbli ghaliex, hlief fil-kaz ta' kawzi kontra l-gvern u xi awtoritajiet pubblici ohra, ma hijiex mehtiega sejha ghall-hlas qabel il-kawza u eccezzjoni fis-sens li l-attur ghandu jigi akkollat l-ispejjez gudizzjarji – imqar in parti – ghax ma jkunx ghamel interpellazzjoni ghall-hlas qabel il-kawza jkollha meritu li kieku l-konvenut ammetta t-talbiet attrici u ghalhekk il-kawza tkun saret ghal xejn ghax kien jammetti qabel li kieku qabel il-kawza saritlu talba ghall-hlas. Ladarba izda saret kontestazzjoni, is-sejha ghall-hlas qabel il-kawza kienet xorta tkun saret ghal xejn. Konsegwentement tali eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' nuqqas ta' rappresentanza guridika l-Qorti taghmel referenza ghall-pozizzjoni legali kif moghtija mis-sentenzi nostrana. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-17 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pro et noe vs Grixti Emmanuel'** *"b' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn zewg partijiet in virtu ta' liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm "di dare" jew "di fare" jew "di non fare". Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha".*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li l-konvenut skond ix-xhieda moghtija minnu kien inkariga lill-konvenut fil-vesti tieghu bhala persuna fil-kummerc li jesercita taht l-isem Fine & Country Malta sabiex tikrilu l-fond li huwa ghandu gewwa San Giljan. Jirrizulta mix-xhieda ta' Joseph Sullivan stess li huwa kellu klijenta ta' Dr Georg Sapiano li kienet interessata sabiex tikri dan il-fond u tuzah bhala art gallery. Illi ghalhekk bdew in-negozjati bejniethom sabiex jigi finalizzat dan in-negozju. Il-konvenut fil-fatt jghid li kien ircieva ittra minghand Dr Georg Sapiano fejn gie mitlub ihallas lil Joseph Sullivan fil-vesti tieghu li kien qed jesercita l-kummerc taht l-isem 'Fine & Country Malta' liema ittra tinsab esebita fl-atti a fol. 11 immarkata bhala Dok CSH.

Joseph Sullvian xehed nhar l-14 ta' Novembru 2013 u esebixxa email li huwa kien baghat lill-konvenut nhar it-12 ta' Marzu 2013 (Dok. Z2) u minn ezami tal-istess jirrizulta ghal darb ohra li Joseph Sullivan kien qed jinnegozja fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tad-ditta Fine & Country Malta. M'hemmx dubbju li l-logo ta' dan in-negozju huwa ndikat fl-istess e-mail. Illi anke minn ezami tal-emails li gew skambjati bejn Dr Georg Sapiano u Joseph Sullivan esebiti fl-atti a fol. 37 et seq jirrizulta li Joseph Sullivan dejjem agixxa taht l-isem 'Fine & Country Malta'. Qatt ma gie indikat isem is-socjeta' attrici u cioe' Selective Quality Letting Limited.

L-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li fuq il-lease agreement esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. Z (fol. 17) jirrizuta li hemm l-ittri SQL (Selective Quality Letting) pero' dan ma jfissirx li Joseph Sullivan kien qed jopera tahtha u in oltre lanqas ma jirrizulta li kienet xi socjeta' b'responsabilita' limitata. Addirittura anke fuq il-visiting cards tieghu li wahda minnhom giet esebita minn Joseph Sullivan u tinsab inserita fl-atti a fol. 28 immarkata bhala Dok Z3 ma jirrizultax li

SQL kienet xi kumpanija anzi hemm indikat il-web site tal-Fine & Country Real Estate.

Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '**Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'** fejn inghad li:-

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabbilta` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku li t-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali ndikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali ndikazzjoni espressa, it-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

Dan l-insenjament huwa wkoll ribadit fis-sentenza fl-ismijiet ***'Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti'*** deciza nhar l-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell

fejn inghad li *"f'kaz bhal dan il-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim is-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rappresentanza tas-socjeta' tieghu*". Dan hu abbondantament pacifiku fil-gurisprudenza taghna. Fil-fatt irriteniet li:-

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identitfikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta'* – John Vella noe vs Anthony Vella et (Appell 3 ta Dicembru 1999). Vide wkoll '**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna**' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '**Anthony Caruana et vs John Magro et'** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999.

Issa fil-kaz in ezami l-kovenut jghid b'mod kategoriku li Joseph Sullivan qatt ma qallu li kien qed jinnegozja f'isem is-socjeta' Selective Quality Letting Limited u meta Joseph Sullivan gie mistoqsi ghaliex ma kienx informa lill-avukat tieghu li kien qed jopera taht l-isem tas-socjeta' attrici meta baghat l-ittra tieghu fis-27 ta'April 2013 jghid li qabzitlu. Ghalhekk ix-xhieda moghtija mill-konvenut tidher li ghandha mis-sewwa li effettivament ma kienx jaf li Joseph Sullivan kien qed jopera f'isem is-socjeta' attrici.

Il-Qorti rat ukoll ir-ritratt esebit mill-konvenut bil-faccata tal-hanut u jidher li mat-triq hemm miktub fuq it-tieqa kbira li hemm il-kliem ‘Fine & Country Malta’ waqt li fil-genb hemm l-ittra SQL pero’ ghal darb’ohra ma hemmx indikazzjoni li effettivament li l-fond huwa gestit mis-socjeta’ attrici.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti tiddikjara li l-eccezzjoni moghtija mill-konvenut li huwa m’ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici ghandha tigi milqugha u konsegwentment tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.**

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------